MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2010

Numru. 1355/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IAN J. ABDILLA**
**KONTRA**

**MARTIN CACHIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Martin Cachia ta' 50 sena, bin Michael u Josephine nee' Aquilina, mwieled Pieta' nhar id- 29 ta' Marzu 1959, residenti f' No. 238, Casa Martina, Triq l- Imhallef William Harding, Pembroke u detentur tal- Karta tal- Identita' bin-numru 235859(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar il- Hadd 20 ta' Dicembru 2009, gewwa l- Belt Valletta u f' postijiet ohra gewwa dan il- Gzejjer;

1) Iffalsifika jew biddel, minghajr il- kunsens tas- sid, l- ismijiet, il- marki jew is- sinjali distintivi tax- xoghol tal-mohh, jew tal- prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l- ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas- sid jew;

2) Ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix- xorta tal- merkanzija, jew biegh merkanzija, b' din il- marka, sinjal jew emblema jew;

3) Xjentement qieghed fic- cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b' marka, sinjal jew emblema imxebbhin b' qerq u cioe' diversi DVD film jew;

4) U aktar talli fl- istess data, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qasam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal- jeddijiet li johorgu mid- drittijiet tal- awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil- Ligi ta' Malta jew tahtha;

5) L- imputat sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta liema sentenzai saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza. Hu gie akkuzat li kellu fil-pussess tieghu kopji foloz ta' DVD's li kienu ghall-bejgh minn fuq il-monti. Il-Pulizija ssekwestraw madwar 420 kopja ta' "films" mhux originali, bi ksur lal-ligijiet tad-drittijiet tal-awtur u ligijiet ohra kummercjali u penali. Ghalkemm jidher li l-imputat ma kienx ghen lill-Pulizija fl-investigazzjoni, u ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda fl-istqarrija tieghu – kif, wara kollox, kellu kull dritt li jaghmel – hu wiegeb li hu hati f'dawn il-proceduri, u ghalhekk jidher li kellu ripensament fil-posizzjoni tieghu. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti piena tal-multa fil-parametri tal-ligi, u tordna l-konfiska tal-oggetti foloz li kienu fil-pussess tal-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 298 (1) (a), (c), u (f), u 298B tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' elf ewro (€1,000).
Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta' erbgha mija u ghoxrin (420) DVD esebiti formalment f'dawn il-proceduri, liema distruzzjoni ghadha ssir taht l-awtorita' tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------